# Domenico Zipoli

## Missjunarju Ġiżwita Qalb l-Indjos



Zipoli twieled fis-17 ta' Ottubru 1688 fil-belt żgħira ta' Prato, ftit passi bogħod minn Firenze l-kapitali tat-Toskana, minn Sabatino Domenico u Eugenia Varrochi. Jidher li ħadd minnhom ma kellu ġibda lejn il-mużika, iżda għad li missieru kien bidwi jieħu ħsieb parti mill-għelieqi tal-familja nobbli Nardini, Domenico xorta waħda trabba f'epoka mill-aktar mużikali li qatt ipproduċiet l-Italja Barokka. F'raħlu stess, insibu lil Matteo da Prato, bennej tal-orgnijiet tas-seklu 15, u lil Giovanni Francesco Beccatelli (1679-1734), 'maestro di cappella' Fjorentin, organista tal-Katidral ta' Prato u l-ewwel għalliem tal-orgni ta' Zipoli (1704-7).

Bħala Korist Katidrali, il-ġenju mużikali tiegħu malajr ġie nnutat, u bis-saħħa tal-Gran Duka Kosmu III, fl-1708 Zipoli ntbagħat Firenze biex jistudja l-orgni ma' Giovanni Maria Casini (1652-1719). Ħa ftit lezzjonijiet mingħand il-kompożitur ċelebri Naplitan Alessandro Scarlatti (1660-1725) li kien magħruf għall-opri tiegħu, imma kienu spiċċaw tlewmu bejniethom minħabba kwistjoni t'opinjoni. Iżda l-formazzjoni żagħżugħa tiegħu ma waqfitx hawn: fl-1709 mar kompla jistudja fil-kunvent ta' San Barnazino f'Bolonja taħt it-teoriku Lavinio Felice Vannucci u sa fl-aħħar f'Ruma, mal-veteran Bernardo Pasquini (1637-1710), minn fejn ħareġ organista u kompożitur komplut. Il-fama tiegħu fis bdiet tinxtered bħala kompożitur ta' ħila kbira biż-żewġ oratorji f'ġieħ Sant'Antnin u Santa Katarina (illum it-tnejn mitlufin), u s-'Sonate d'intavolatura per organo e cimbalo' stampat fl-1716, mal-ħatra prestiġjuża tiegħu bħala organista u 'maestro di cappella ta' Chiesa del Gesù' - il-knisja omm il-Ġiżwiti. Iżda minkejja dawn is-suċċessi kollha, Zipoli ħalla l-karriera mużikali brillanti kollha warajh u minflok, fl-1716, mar Sevilla fi Spanja u f'Lulju ngħaqad mal-Kumpanija ta' Ġesù. Ix-xewqa tiegħu kienet li jintbagħat missjunarju f'waħda mill-kolonizzazzjonijiet Ġiżwitiċi f'Rio de la Plata fl-Amerika t'Isfel fi żmien il-ħakkiema Spanjoli u Portugiżi. U hekk ġara. Kien għadu novizz meta telaq minn Spanja flimkiem ma' 53 missjunarju ieħor u wasal Buenos Aires fit-13 ta' Lulju 1717.

Ħafna missjunarji kienu jmorru hemm b'bażi akkademika soda, fosthom surmastrijiet tal-mużika, u oħrajn jafu jibnu l-istrumenti tad-daqq. Uħud minnhom, bħal fil-każ ta' Zipoli, kienu famużi fl-Ewropa, imma għax imħajrin minn din l-utopja ta' ħajja ġdida, kienu lesti li jħallu l-pożizzjonijiet prestiġjużi u privileġġjati tagħhom warajhom, u jaqsmu l-oċean kollu, f'vjaġġ perikoluż u mimli tbatija, biex jidħlu f'dinja mhix magħrufa. Mill-kontinent Ewropew, magħhom kienu



jġibu l-mużika kif nafuha aħna u strumenti bħall-kitarra u l-vihüela - li nġiebu l-Paragwaj mill-esploratur Pedro Mendoza - kif ukoll tnabar, flawti u tipi differenti ta' trumbetti. Dawn malajr xterdu mal-kontinent il-ġdid u bdew jiġu mgħallma mill-missjunarji fid-diversi 'reductions' li kellhom taħt idejhom, mibdijin fis-Seklu 16 mill-patrijiet Dumnikani u Franġiskani. Dawn ir-'reductions', kolonji nofshom indipendenti mill-kolonisti Spanjoli u l-ħakma tagħhom; speċi ta' stat fi stat, twaqqfu apposta mill-Ġiżwiti bħala missjonijiet Insara fl-inħawi fejn illum hemm il-Paragwaj, il-Brażil u l-Arġentina, ġar tiegħu, fejn jgħammru l-popli Gwarani. Il-Ġiżwiti kienu jipproteġu l-indiġeni kontra kull forma ta' jasar u xogħol sfurzat min-naħa tal-konkwistaturi, jirrispettaw l-ilsien nattiv tagħhom, jixħtu ħafna attenzjoni fuq il-ħtiġijiet l-aktar vitali tagħhom, filwaqt li joffrulhom ir-riti u s-servizzi Kattoliċi, u l-purċissjonijiet bl-aktar mod pompuż possibbli kif kienet taf toffri l-mużika Barokka. F'Malta wkoll, qabel il-'Motu proprio' tal-Papa Piju X dwar il-mużika liturġika (1903), il-mużika fil-knejjes kienet issir bl-istess mod bix-xogħlijiet 'operistiċi' ta' Nani u Bugeja. Dan kollu kien isir għal biex l-Indjos Gwarani jinġibdu lejn ir-'reductions'. Infatti, Zipoli dan kien xogħlu: jgħallimhom idoqqu bl-għan li jiżviluppalhom it-talent mużikali naturali tagħhom, idoqqilhom l-orgni u jikkomponilhom il-mużika bħala mezz t'evanġelizzazzjoni.

Kemm dam fir-'reductions' tal-Paragway, Zipoli kompla jistudja għall-qassis f'Córdoba, fl-Arġentina tal-lum, iżda ma setax jordna minħabba li ma kienx hemm isqof disponibbli. Tul l-aħħar snin ta' ħajtu, serva bħala direttur tal-knisja tal-Ġiżwita tal-lokal u xogħlijietu saru magħrufa sa Lima, il-Perù. Miet fid-dar tal-Ġiżwiti f'Estancia de Santa Catalina qrib Córdoba fit-2 ta' Jannar 1726 wara li nħakem minn marda infettiva. Iżda, għad li miet qasir il-għomor, il-mużika tiegħu għadha tidwi fl-Amerika Latina sal-ġurnata tal-lum. Ħafna ħasbu li l-mużika li Zipoli kiteb fl-Amerika t'Isfel, sfat meqruda flimkien ma' xi dokumenti oħrajn u xogħlijiet tal-arti, eżatt wara t-tkeċċija tal-Ġiżwiti fl-1767. B'xorti tajba, dawn reġgħu nstabu f'nofs is-seklu li għadda bis-saħħa tal-mużikoloġista Ċilen Samuel Claro u l-arkitett u restawratur tar-'reductions' ta' Chiquitos, l-Iżvizzeru Hans Roth. Din t'hawn taħt hija għażla bil-għaqal ta' wħud mill-aqwa xogħlijiet, minbarra dawk li diġà semmejna, li ħallielna Zipoli. Ikollkom ċans, isimgħuhom għax vera sbieħ:

| Sagra | Profana |
|---|---|
| Misa a San Ignacio | Sonata en La mayor para violín y bajo continuo |
| Missa Brevis | Adagio per oboe, cello, organo e orchestra |
| Vespri di S. Ignacio | Aria in Fa |
| Iesu dulcissime - Reparationis actus | Cantata: 'En este mundo inconstante' |
| O Gloriosa Virginum | Cantata: 'O Daliso, da quel dí che partisti' |
| Beatus Vir | Retirada del emperador de los Dominicos de España |
| Opera 'San Ignacio de Loyola' | Battalia Imperiale |

*Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)* ■